# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 82

Data tal-laqgħa: 15 ta' Marzu, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**82/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**82/01/01** Ma kienx hemm.

**82/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 80 u 81**

**82/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**82/02/02** **Para 80/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li klinika ġdida infetħet nhar l-Erbgħa, 13 ta' Marzu.

**82/02/03** **Para 80/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**82/02/04** **Para 80/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħol fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadu ma bediex.

**82/02/05** **Para 80/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni mal-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* għadha pendenti.

**82/02/06** **Para 80/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**82/02/07** **Para 80/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**82/02/08** **Para 80/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**82/02/09** **Para 80/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi għadhom ma sarux.

**82/02/10** **Para 80/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-istrippi ta' mal-art ta' Triq San Ġwann ħa jsiru wara li x-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jkunu lesti.

**82/02/11** **Para 80/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *notice boards* għadhom ma sarux.

**82/02/12** **Para 80/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret l-Enemalta rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**82/02/13** **Para 80/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi kollox għadu pendenti.

**82/02/14** **Para 80/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad irid jeħel *dog bin* fi Triq tal-Ferħa qrib il-wied.

**82/02/15** **Para 80/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-GreenPak rigward ir-rilokazzjoni ta' sit tal-iBins.

**82/02/16** **Para 80/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad irid jeħel *dog bin* fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**82/02/17** **Para 80/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta minn Infrastructure Malta fuq minn se ikompli x-xogħol fi Triq il-Kbira.

**82/02/18** **Para 80/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ bozzoz fi Sqaq fi Triq Santa Katerina saru mill-Enemalta.

**82/02/19** **Para 80/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lil Infrastructure Malta fuq il-globi ta' ħdejn iz-*zebra crossing* fi Triq Caravaggio.

**82/02/20** **Para 80/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq il-31 ta' Marzu ħdejn il-hairdresser għadha ma ġietx approvata minn Enemalta plc.

**82/02/21** **Para 80/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi biex fl-uffiċċju ssir niċċa bil-gypsum u ħġieġa u fiha npoġġu l-abbozz tal-monument ta' San Bert.

**82/02/22** **Para 80/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bank fuq blata fil-wied tal-Ferħa għadu ma sarx.

**82/02/23** **Para 80/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *sleeping police* ta' Triq Għaxqet l-Għajn (mid-Duluri 'il ġewwa) ġiet approvata minn Transport Malta.

**82/02/24** **Para 80/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am *no access to Gharghur* fi Triq John Adye; Biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am hekk kif tohrog mill-barriera fi Triq John Adye u biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am Triq Birguma fil-bicca ta' fuq.

**82/02/25** **Para 80/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella 'Tal-Ferħa Estate' għal Triq Santa Katerina.

**82/02/26** **Para 80/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li aħna rridu napplikaw biex terġa' ssir il-*junction box* ta' ħdejn ir-*roundabout* tal-Golden Care.

**82/02/27** **Para 80/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Triq Dun Karm Vella ġiet *one-way*.

**82/02/28** **Para 80/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella tal-kaxxa tal-muturi fi Vjal ir-Repubblika weħlet imma r-residenti ta' Ella Court oġġezzjonaw.

**82/02/29** **Para 80/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*bins* ta' Triq l-Isqof Gargallo reġgħu weħlu.

**82/02/30** **Para 80/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ġardinar lesta kemm Ġnien il-Paċi kif ukoll ir-*roundabout* ta' Triq San Ġwann.

**82/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**82/03/01** Is-Sindku qalet li talbet lid-District Operations Ltd biex jibagħtu lil xi ħadd flok Carmen Sciuech.

**82/03/02** Is-Sindku ressqet proposta biex il-Għargħur jigi *ring road*. Kien hemm qbil unanimu li ssir konsultazzjoni pubblika wara l-elezzjoni. Is-Sur Abraham Aquilina qal li Triq J. Adye qed titfa' ħafna karozzi fil-Għargħur. Is-Sur Christopher Fenech qal li bħalissa hawn ħafna ġenn fit-toroq minħabba xogħlijiet tal-Water Services Corporation fi Triq San Ġwann u Triq Għargħur, Naxxar.

**82/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**82/04/01** Ma kienx hemm.

**82/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**82/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 31 ta' Jannar 2024).

**82/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 7 ta' Frar 2024).

**82/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 14 ta' Frar 2024).

**82/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 21 ta' Frar 2024).

**82/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 28 ta' Frar 2024).

**82/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 6 ta' Marzu 2024).

**82/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 13 ta' Marzu 2024).

**82/05/08** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-Leasing Agreement for Printing Equipment (Intercomp Pro). Kien hemm qbil unanimu li jiġi ffirmat.

**82/05/09** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandna bżonn nixtru *filing cabinet.* Kien hemm qbil unanimu.

**82/05/10** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat diversi stimi għal *bin* fil-pjazza. Kien hemm qbil unanimu fuq *bin* BWJ-071 mingħand Anton Zarb. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru *bin liner* għal *bin* ta' ħdejn l-ATM. Il-Kunsill qabel unanimament.

**82/05/11** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn jinbidel l-controller tal-lift. It-total tal-istima hu

€4130. Is-Sindku ressqet li ngħidu lil AIB Insurance Brokers Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament.

**82/05/12** Is-Sur Daniel Bezzina bagħat stima f'isem l-Għaqda tan-Nar San Bartilmew. Il-prezz jinkludi l-insurance, ġarr u l-permess għan-nar għall-Irxoxt (€300). Il-Kunsill qabel unanimament.

**82/05/13** Ġiet innutata korrispondenza Ċir AKL 2024/020 – Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dawl waqt l-Attività tal-'Earth Hour 2024'. Kien hemm qbil unanimu li nitfu d-dawl tal-pjazza.

**82/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-Cleansing and Maintenance Division – National Clean Up and Maintenance Campaign – Gharghur. Bejn it-8 - 14 t'April – WSC / Enemalta; mill-15 sal-21 t'April Public Works Department; mit-22 – 28 t'April IM/TM u mid-29 t'April sal-5 ta' Mejju TZRA/CMD.

**82/05/15** Ġiet innutata korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Lvant – SPI/SCI/10/2022 – Żvilupp ta' Latrini Pubbliċi Awtomatiċi madwar Malta u Ghawdex. Id-data tal-perjodu tal-implimentazzjoni ħa tiġi estiża sa nhar it-Tnejn, 31 ta' Marzu 2025.

**82/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Lvant – SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar Nodfa. Kien hemm qbil unanimu li nieħdu sehem.

**82/05/17** Ġiet innutata korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Lvant – Request to visit site – VR Tours Project – Għargħur WWII Shelter.

**82/05/18** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Rapport mill-Kunsill Lokali rigward il-Parkeġġ Riservat Personalizzat Ref: 11300 fit-Triq Caravaggio.

**82/05/19** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Rapport mill-Kunsill Lokali rigward il-Parkeġġ Riservat Personalizzat Ref: 11277 fit-Triq San Ġwann.

**82/05/20** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Rapport mill-Kunsill Lokali rigward il-Parkeġġ Riservat Personalizzat Ref: 11255 fit-Triq in-Naxxar.

**82/05/21** Fuq it-talba ta' resident bi jitpoġġew 3 *bins* fil-pjazza. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**82/05/22** Fuq it-talba għal mera kif toħroġ minn Sqaq il-Qiegħed. Kien hemm qbil unanimu.

**82/05/23** Fuq it-talba għal mera l-isfel mil-*lights* ta' Busietta Gardens. Kien hemm qbil unanimu.

**82/05/24** Fuq it-talba għal tabella *reflector* mal-ħajt fi Triq J. Adye. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**82/05/25** Fuq it-talba ta' residenta għal *traffic lights* lejn Baħar iċ-Ċagħaq. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**82/05/26** Fuq it-talba ta' resident għal mera quddiem garaxx fi Triq Ferdinandu. Kien hemm qbil unanimu.

**82/05/27** Fuq it-talba ta' residenta għal *u-bar* fi Triq ix-Xwieki. Kien hemm qbil unanimu imma trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**82/05/28** Fuq it-talba għal *bicycle rack* fi Vjal ir-Repubblika. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**82/05/29** Ġiet innutata stima mingħand A. Pisani rigward it-tiswija ta' *bollard* tal-monument (€153.40). Kien hemm qbil unanimu.

**82/05/30** Fuq it-talba ta' residenta biex Triq il-Ġdida issir *residents only*. Kien hemm qbil unanimu li tehel

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

cul-de-sac.

**82/05/31** Fuq it-talba ta' resident għal tabella *no heavy vehicles* fi Triq San Nikola. Kien hemm qbil unanimu.

**82/05/32** Fuq it-talba ta' resident għal *one-way* fi Triq Mons. Luigi Catania. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**82/05/33** Fuq it-talba għal tabella *reflector* mal-ħajt fi Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil unanimu.

**82/05/34** Is-Sur Abraham Aquilina talab lis-Sindku biex tiċċekkja mal-Kunsill Reġjonali Lvant rigward ir-rimbors tal-*insurance* u *risk assessment* tas-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew.

**82/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**82/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**82/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**82/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 12 t' April 2024 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |